# IL-PROGRAMM
# TAL-METALINGWA U TAL-LETTERATURA
# LIVELL 7 - IT-TMIEN SENA
# ROTTA 1, 2 u 3

| IL-PROGRAMM TAL-METALINGWA: MORFOLOĠIJA U SINTASSI | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| IL-MORFOLOĠIJA | | | | | |
| **L-ASPETT** | **LIVELL 5 (3-4 SENA)** | **LIVELL 6 (5-6 SENA)** | | **LIVELL 7** | |
| | | | | **IS-SEBA' SENA** | **IT-TMIEN SENA** |
| | **Rotta CCP** | **Rotta 1** | | **Rotta 2** | **Rotta 3** |
| **Il-konsonanti** | | | | | |
| **Il-konsonanti qawwija u rotob (l-assimilazzjonl)** | Naf liema konsonanti li tixxiebah fil-ħoss fl-aħħar tal-kelma għandi nikteb billi nżid il-vokali a fuq wara bħal ħabib/a; ċerv/a; spag/a; lewż/a. | Naf kif għandi nagħraf liema konsonanti nikteb meta sseħħ l-assimilazzjoni fil-bidu jew fin-nofs ta' kelma (nomi u verbi). Eż. żfin mhux /sfin/ għax żifna; libsa mhux /lipsa/ għax ilbiesi. | | Naf li meta l-għ/h jkunu fit-tarf tal-kelma jew ħdejn xulxin jinstemgħu "ħ" imma jinkitbu għ/h.Eż. Iż-żagħżugħ kien fih tifel. / Il-libsa tagħha kienet tixbah lil t'oħtha. | Naf li hemm xi konsonanti, fosthom in-n quddiem oħrajn likwidi u l-preformattiva t tal-imperfett ma' konsonanti xemxin, li meta jaħbtu quddiem oħrajn dawn jassimilaw. Eż. jien irrid flok jien inrid; aħna mmorru flok aħna nmorru; inti ssellef lil xi ħadd flok inti tsellef lil xi ħadd. |
| **Il-konsonanti sħaħ u dgħajfin** | | Naf liema huma l-konsonanti sħaħ u li dawn jissejħu hekk minħabba l-karatteristiċi tagħhom bħal li ma jistgħux jitħallew barra, ma jistgħux jinbidlu jew jibdlu posthom u l-bqija. | | Naf li hemm każi u eċċezzjonijiet fejn il-konsonanti dgħajfin ma jinbidlux minkejja li qabilhom ikollhom vokali, bħal meta jaħbtu wara sinjali tal-punteġġjatura, meta jkun hemm h jew għ warajhom bħal Mark jgħid u John jhewden, mhux Mark igħid u John ihewden. | |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Naf li l-konsonanti j/w huma dgħajfin u jridu l-għajnuna ta' vokali meta jkunu doppji fil-kelma bħal ħajja, ħajti; ħawdet, ħawwadt. | | | |
| | | Naf meta għandi nibdel il-konsonanti dgħajfin j/w fil-vokali i/u bħal meta jkunu preformattiva tal-imperfett jew bħala l-ewwel konsonanti fil-kelma bħal Hu ħareġ idur flok jdur; Għandu ħames ulied flok ħames wlied. | | | |
| **Il-konsonanti servili** | | Naf li hemm xi konsonanti li jgħinuni nibni kliem ġdid, bħall-prefissi u s-suffissi tal-konjugazzjoni fl-imperfett u l-perfett. Eż. nimxi, mxejna. | | | |
| **Il-konsonanti likwidi** | | | | | Naf liema huma l-konsonanti likwidi u kif għandhom jinkitbu f'għadd ta' kliem meta jitħaxknu bejn konsonanti oħra.<br>Eż. nilagħbu, ġimagħtejn, nisirqu, naqilbu, tixorbu. |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-vokali** | Naf u noqgħod attent biex fil-kitba ma niktibx il-vokali tal-leħen mal-artiklu fejn ma neħtiġhiex. Eż. Nikteb Xtrajna l-ktieb u mhux Xtrajna il-ktieb. | Naf li l-vokali ie titqies bħala ittra waħda u li fil-kelma ma jistax ikun hemm tnejn, u għalhekk dejjem tibqa' ta' wara. Eż. missirijiet u mhux missierijiet; | | Naf li wara sinjali tal-punteġġjatura nista' nibda b'vokali minkejja li l-kelma ta' qabel is-sinjal tkun tispiċċa b'vokali. Eż. Aħna konna lħaqna kilna, irqadna u wasalna biex inqumu xħin ħija daħal id-dar. | Nagħraf u nikteb tajjeb il-vokali i meta tkun etimoloġika jew tal-leħen f'kelma. Eż. Suġġetti importanti, interessanti, student imħasseb, studenti mħassba. |
| | | Naf li hemm xi kliem barrani li jista' jkollu żewġ vokali ħdejn xulxin. Eż. poeta, idea, realtà. | | | |
| **L-artiklu** | Naf li l-artiklu huwa "l-"u joqgħod quddiem kliem li jibda b'vokali, għ u h. Eż. l-arblu, l-għasfur, l-hena. | Naf li xi drabi għandi nuża l-vokali tal-leħen mal-kelma meta din tieħu l-artiklu. Eż. l-isptar, l-imsiemer, l-injama, l-istandard, l-ipparkjar, l-ixkaffa, l-iżball. | | Naf li xi drabi jkolli nżid l-artiklu mal-aġġettiv ta' nom biex nikkwalifikah aħjar. Eż. il-ktieb il-ġdid li xtrajt. | Naf li għandi nikteb l-artiklu quddiem xi ismijiet u xi drabi dan jassimila skont l-ewwel konsonanti. Eż. Il-Gudja mhux Gudja; Ħaż-Żebbuġ mhux Ħaż Żebbuġ. |
| | | | | Naf li l-artiklu għandu dejjem jingħaqad mal-prepożizzjonijiet quddiem in-nom. Eż. tal-art, mal-ħbieb. | |
| | Naf li xi drabi l-artiklu l-ikollu bżonn il-vokali tal-leħen "i" bħal quddiem kliem li jibda bil-konsonanti qamrin. Eż. Xtrajt il-ħobż. / Anna marret il-Belt. / Tlift iċ-ċavetta tad-dar. | Naf li xi ismijiet propji, bħal uħud minn dawk tal-bliet u l-irħula Maltin u Għawdxin, u ta' xi pajjiżi jeħtieġu l-artiklu. Eż. Ir-Rabat, L-Italja. | | | |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| | Naf li l-artiklu l- jassimila quddiem kliem li jibda bil-konsonati xemxin bħal iċ-ċirasa, id-dar. | Naf li l-artiklu ma jintużax ma' nomi li għandhom id-definitezza tagħhom murija bis-suffissi pronominali. Eż. ommi, ħuti, pajjiżi. | | |
| | Naf li meta għandi nuża l-artiklu waħdu mingħajr vokali tal-leħen. Eż. Xtrajna l-ħobż. / It-tfal marru l-Belt. / Tlifna ċ-ċavetta tad-dar. | Naf li l-artiklu jista' jingħaqad mal-pronomi dimostrattivi (tal-viċin) skont il-kelma ta' wara xi tkun bħal dan il-bieb/dal-bieb; dil-biċċa/din il-biċċa; dawn il-kotba/dal-kotba. | | |
| **Il-Partiċelli** | | | | |
| **Il-prepożizzjonijiet** | Naf nikteb kliem qasir (prepożizzjonijiet mal-artiklu) bħal bi/bil-, fi/fil-, sa/sal-, ġo/ġol-; ma'/mal-/ ta'/tal- f' sentenzi sempliċi bħal: Mark mar sal-baħar; Jien norqod fis-sodda; Rajt funtana sabiħa ġo ġnien; Wassalni sad-dar. | Naf nikteb tajjeb għall-/bħall- /lill- meta jkunu quddiem kliem li jibdew b'konsonanti xemxin bħal: Ommi tmur għax-xogħol kuljum; La nikber irrid insir bħaz-ziju; L-għasfura temgħet liż-żgħar tagħha. | | Nagħraf meta nikteb mill- /mal- bħal: Ħriġt mgħaġġel mill-bieb tal-klassi u ħbatt mal-għalliema tiegħi. |
| | | Naf nikteb tajjeb għal/għall-; bħal/bħall-; lil/lill- bħal: Mort għal Jane; Mort għall-ħabiba. | | Naf liema prepożizzjonijiet jitqassru jew ma jitqassrux u meta jsir dan: bħall-prepożizzjonijiet ma', ta', sa li jistgħu jitqassru jew jibqgħu sħaħ quddiem kelma li tibda b'vokali, għ jew h bħal m'/ma' ommi; sa/s'hemm, ta'/t'Alla. |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | Naf li l-partiċella ma' titqassar m' quddiem xi aġġettivi li jkunu fil-komparattiv bħal m'eħxen, m'ogħla, u l-bqija. |
| | | | | Naf li hemm prepożizzjonijiet bħal bi,fi,xi li jitqassru quddiem kelma li tibda b'vokali, għ, h jew b'konsonanti waħda bħal b'idi, f'rokna, x'hemm. |
| **Il-konġunzjonijiet** | Naf ngħaqqad żewġ sentenzi sempliċi fuq l-istess tema bil-konġunzjonijiet u, għax, imma, meta. Eż. Jessica sabet kelb mitluq u ħaditu d-dar tagħha; It-tifel ma marx l-iskola għax kien ma jiflaħx. | Naf nuża tajjeb fil-kitba ta' sentenzi l-konġunzjonijiet tal-għażla bħal inkella /jew u tal-kaġun/tar-raġuni bħal għax, sabiex, mela, billi, għalhekk. | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-konġunzjonijiet tal-kordinazzjoni bħal: u, illi, ukoll, kif, u dawk taż-żmien bħal: hawn, issa, wara, imbagħad, li. | |
| **L-avverbju** | | | | Naf x'inhu avverbju u x'funzjoni għandu fis-sentenza. |
| | | | | Naf nuża tajjeb fil-kitba tas-sentenzi l-avverbji li juru żmien, post u manjiera bħal għada, ġewwa u bil-mod. |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| **L-interjezzjonijiet** | Naf nuża kliem ta' stagħġib, ferħ, biża' jew sentimenti oħra fis-sentenzi tiegħi bħal aħħ, ajma, jaqq, uff, prosit. | | | |
| **Il-Verb** | | | | |
| **Għarfien tal-verb fis-sentenza** | Naf nagħraf u nikteb verbi f' għadd ta' sentenzi bħal John jaqra l-ktieb u Mandy tisma' r-radju. | Nagħraf il-verbi f'sentenzi komposti u kumplessi li jkun fihom għadd ta' predikati. Eż. Minkejja li għamlet ix-xita, it-tfal xorta ħarġu jilagħbu u ħadu gost. | | |
| **L-imperattiv** | Nagħraf il-forma tal-Imperattiv sempliċi kemm fit-taħdit bħal: Ġib il-pitazz miegħek għada. | L-imperattiv tal-verbi kollha, inklużi d-dgħajfin, fil-forom kollha li dan jista' jsir bħal: minn telaq nagħmlu itlaq/itilqu, minn għamel issir agħmel/agħmlu, minn mexxa nagħmlu mexxi/mexxu; minn tela' nagħmlu itla'/itilgħu; minn ċapċap nagħmlu ċapċap/ċapċpu. | Naf kif nagħmel l-imperattiv meta jsir fuq 2 verbi jew aktar, inklużi l-verbi barranin bħal erġa' pprova, oħroġ ilgħab, aqbad u itlaq iġri issa. | |

| | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **L-ASPETT** | | | | | |
| **Il-perfett** | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi sempliċi bħal John ħareġ, il-kelb ħarab. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jibdew bl-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi. | | | Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk Semitiċi) u fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Marc ipparkja l-karozza ħażin; It-tim ittrenja ħafna; L-għalliem issejvja kollox fuq diska kompatta. |
| **l-imperfett** | Naf nuża verbi sempliċi (barra dawk li fihom l-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi sempliċi bħal John jorqod, il-qattus jiekol. | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jibdew bl-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi. | | | Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk Semitiċi) u fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Marc jipparkja l-karozza ħażin; It-tim jittrejnja ħafna; L-għalliem jissejvja kollox fuq diska kompatta. |
| **Il-futur** | | Naf nuża verbi li jkollhom konsonanti sħaħ u dgħajfin (inklużi dawk li jibdew bl-għ u l-h) fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi. | | | Naf nuża verbi barranin (dawk ġejjin mir-Rumanz u l-Ingliż u ma integrawx ma' dawk Semitiċi) u fit-temp u l-persuna t-tajba fit-taħdit u fil-kitba ta' sentenzi bħal: Marc se jipparkja l-karozza ħażin; It-tim ser jittrejnja ħafna; L-għalliem ser jissejvja kollox fuq diska kompatta. |
| | | | | | Naf li nista' nagħmel forom differenti tal-futur billi nuża l-verb fl-imperfett u qablu ninqeda b'ser/se/sejjer/ħa/ħalli u l-bqija bħal se mmur; sejjer norqod, ħalli naraw. |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **In-negattiv tal-verb** | Naf nikteb in-negattiv ta' verbi sempliċi fl-imperattiv bħal tiġrix, timxix, tifraħx. | Naf kif nagħmel in-negattiv ta' verbi sħaħ u dgħajfin, inklużi dawk bl-għ u l-h, fl-imperfett u l-perfett bl-użu ta' ma + x bħal ma jisbaħx, ma waqax, ma jifhimx. | | Naf li n-negattiv ta' verbi li jkollhom l-ie, minħabba ċaqliq tal-aċċent, din tinbidel f'i bħal ma kinux, ma kinitx. | |
| | | Naf kif nagħmel in-negattiv ta' verbi sħaħ u dgħajfin fil-futur bl-użu ta' mhux/mhix jew il-pronomi personali magħżulin fin-negattiv quddiem verb fil-futur bħal mhux se mmur, m'aħniex se niġu, mhumiex se jsiefru. | | Naf li verbi li jispiċċaw bl-appostrofu, fin-negattiv dan jaqa' u ma jidhirx bħal ma qatax, ma belax, ma qalax | |
| **Il-mamma u l-għerq** | Naf nidentifika li l-kliem hu magħmul minn konsonanti u vokali u li hemm għadd ta' kliem li għandu l-konsonanti l-istess bħal ktieb, kitba, kotba; telaq, telqa, tluq, tellieqa, tlielaq; nilgħab, logħob, logħba. | Filwaqt li naf noħroġ għadd ta' kliem minn kelma ewlenija (verb/nom/aġġettiv), nagħraf li hemm konsonanti komuni fihom kollha u li dawn jissejħu l-għerq tal-kelma, bħal: minn libes - libbes, tlibbes, ntlibes, libsa, lbiesi (l-għerq l-b-s); minn baħar - baħri, baħħar, ibħra, tbaħħir (l-għerq b-ħ-r); minn sabiħ - sbuħija, sebbaħ, sbieħ, sbejħa (l-għerq s-b-ħ). | | Naf li hemm għadd ta' prinċipji li timxi fuqhom is-sistema tal-għerq Semitiċi biex tnissel bħal aċċettazzjoni tal-affissi (prefissi, infissi u suffissi) li l-konsonanti ma jinbidlux u lanqas jibdlu posthom. Eż. Inkisser, nikser, kissirt; resaq (r-s-q); qaras (q-r-s); seraq(s-r-q); ikteb mhux /iktep/ għax ktb mhux ktp. | |
| | | | | Naf li meta nċaqlaq il-pożizzjoni tal-konsonanti tal-għerq nista' noħloq kliem ġdid bħal r-s-q=resaq; s-r-q=seraq; q-r-s=qaras. | |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| **Iz-zokk morfemiku** | | | | Naf li hemm kliem ġej mit-Taljan jew mill-Ingliż li l-parti ewlenija tiegħu (iz-zokk morfemiku) hija magħmula minn għadd ta' konsonanti u vokali li ma jinbidlux u li dawn ikunu dejjem preżenti fi kliem ieħor imnissel bħal eduka, jeduka, edukazzjoni, maledukat, edukatur u l-bqija. |
| **Il-forom tal-verb** | | | | Naf li ħafna verbi fil-Malti jistgħu jkunu ewlenin jew imnissla u nagħraf bejn dawk sħaħ u dgħajfin skont l-għerq tagħhom bħal kiser, kisser; dar, dawwar; xamm, inxtamm; twaqqaf, tajjar, mexa, tmexxa. (L-ewwel forma) |
| **In-Nom** | | | | |
| **It-tipi ta' nomi** | Naf nagħraf u nagħżel nomi komuni u propji bħal tifel, Paul, Julienne, tfajla. | Naf noħroġ in-nom verbali bit-żewġ tifsiriet tiegħu minn verbi Semitiċi bħal minn ħareġ -ħarġa, ħruġ; xorob - xarba, xorb; daħal - daħla, dħul. | Naf noħroġ nomi li juru sengħa, xogħol jew professjoni minn verbi Semitiċi komuni bħal bena nagħmlu bennej, ħadem - ħaddiema, għallem - għalliem, stad-sajjied; kiteb - kittieb; tkellem - kelliem. | |

| L-ASPETT | LIVELL 5 (3-4 SENA) | LIVELL 6 (5-6 SENA) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **L-għadd** | Naf nuża nomi komuni fis-singular u plural bħal tifel-tfal; dar-djar; kelb-klieb; bir-bjar; | Naf nagħmel il-plural tan-nomi kemm dawk li jinqdew fil-forom tal-plural sħiħ kif ukoll dawk li jagħmlu l-plural miksur, bħal siġġu-siġġijiet; dar-djar, wejter-wejters; flett-flettijiet, karta-karti. | | Naf meta u kif għandi nuża n-nomi fil-kollettiv u l-farrad waħdieni bħal *It-tuffieħ kien kollu fil-qoffa (tuffieħ huwa nom fil-kollettiv singular) u minnu t-tifel ħa tuffieħa sabiħa. (tuffieħa hija nom fil-farrad waħdieni).* | |
| | | Naf li jista' jkun hemm xi nomi li meta jkunu man-numri minn 2 sa 10 jieħdu l-plural determinat li jsir biż-żieda tas-suffiss iet/at bħal żewġ ħawħiet, ħames tuffiħat, tmien siġriet. | | Naf li hemm xi nomi li meta jkunu jridu jfissru tnejn jew par jagħmlu l-għadd imtenni billi jinqdew bis-suffissi -ejn/ajn bħal għajnejn, widnejn, qasbtejn. | |
| **Il-pronomi** | Naf u nifhem il-pronomi mehmużin f'kuntest ta' taħdit, qari u smigħ. | Naf nuża l-pronomi mehmużin ma' nomi, verbi u partiċelli ħfief bħal qalbi, sabna, lilek. | | Naf ninqeda bil-pronomi interrogattivi min, xi, liema biex infassal il-mistoqsijiet tiegħi bħal Min ġej? Xi trid? Liema waħda togħġbok? | |
| | Naf inħaddem il-pronomi dimostrattivi bħal dan, din, dawn/dak, dik, dawk. | Naf nuża fil-kitba l-pronomi magħżulin u n-negattiv tagħhom bħal huwa/ mhuwiex; aħna / m'aħniex. | | Naf norbot il-pronomi mehmużin ma' nomi li jispiċċaw b'a billi ndaħħal it-t marbuta. Eż. kelmti, saħħti, ħabibti. | |
| **L-aġġettivi** | Naf nikteb l-aġġettivi pożittivi (sempliċi) fil-maskil, il-femminil u l-plural bħal dar kbira, bieb kbir, twieqi kbar. | Naf li l-aġġettiv pożittiv jista' jsir ukoll minn għadd ta' nomi bl-għajnuna ta' suffissi bħal għaqli, għaqlija, għaqlin; Mosti, Mostija, Mostin; raħli, raħlija, raħlin. | | Naf inħaddem l-aġġettiv (ta' kliem Semitiċi u barrani) fil-gradi tal-komparattiv u s-superlattiv relattiv bħal isbaħ/l-isbaħ; aktar importanti/l-aktar importanti. | |

| IL-PROGRAMM TAL-METALINGWA: MORFOLOĠIJA U SINTASSI | | | | |
|---|---|---|---|---|
| IS-SINTASSI | | | | |
| **L-istruttura tas-sentenza** | Naf nikteb sentenza sempliċi li jkun fiha s-suġġett, il-verb u l-aġġettiv bħal John jimxi ħafna. | | | Naf nikteb sentenzi sempliċi u komposti li jkun fihom is-suġġett u predikati oħra fosthom dawk nominali, verbali u aġġettivali, e.ż John, it-tifel il-kbir ta' Pawlu, mexxa l-kelb u wara mar id-dar ta' sieħbu. |

| IL-PROGRAMM TAL-METALINGWA: PUNTEĠĠJATURA U ORTOGRAFIJA | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| IL-PUNTEĠĠJATURA | | | | | |
| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
| | | | | **IS-SEBA' SENA** | **IT-TMIEN SENA** |
| | **Rotta CCP** | **Rotta 1** | | **Rotta 2** | **Rotta 3** |
| **L-ittri kapitali** | Naf li s-sentenza fid-diskors dirett tibda b'ittra kbira. Eż. Arnold qal: "Għada se nsiefru." | Naf li l-akronimi niktibhom b'ittri kbar. Eż. Q.K. (qabel Kristu), W.K. (wara Kristu), K.N.K (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb). | | Meta nikkwotaw pubblikazzjoni, l-ewwel ittra tal-isem tinkiteb kbira (anke jekk tkun l-artiklu). Eż. Din il-poeżija kienet dehret f'Id-Denfil; Il-ktieb li se nippreżentaw illejla jismu Rakkonti u Inkontri. | |
| | Naf li l-ismijiet propji tan-nies, tal-annimali, tal-postijiet u tal-oġġetti jibdew b'ittra kbira bħal Mandy, Kiko, l-Imdina, Thermos. | Naf li l-ismijiet tas-sekli jibdew jinkitbu b'ittri żgħar. Eż. is-seklu dsatax, is-seklu wieħed u għoxrin. | | Naf li titlu jew isem ta’ kariga li jaħbat eżatt qabel l-isem ta’ persuna jinkiteb b’ittra kbira. Eż. l-Avukat Pawlu Hili, it-Teżoriera Michelle Borg; il-Papa Franġisku, il-Prim Ministru Matteo Renzi. | |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Naf kif nikteb l-ittri ie/ħ/h/għ/ meta jkunu kapitali bħala Ie, Ħ, H, Għ. Eż. Ieqaf hemm, Ħareġ jiġri, Hemm fuq; Għalqa sabiħa. | Naf li l-ismijiet tal-muniti jinkitbu b'ittri żgħar. Eż. mija u għaxar ewro, ħamsin dollaru, tletin lira sterlina. | | Naf li meta l-isem tal-kariga jintuża waħdu u jirreferi għal individwu partikolari, jinkiteb b'ittra kbira. Eż. Dalgħodu ċempilli l-Isqof. | |
| | Naf li d-direzzjonijiet u l-ismijiet tal-irjieħ niktibhom b'ittri kbar. Eż. it-Tramuntana, il-Lvant, in-Nofsinhar. | Naf li l-ismijiet tal-movimenti, għaqdiet u reliġjonijiet u l-membri tagħhom jinkitbu b'ittra kbira. Eż. il-Buddiżmu, il-Buddisti, il-Kattoliċiżmu, il-Kattoliċi, il-Franġiskani Kapuċċini, l-Iżlam, il-Misilmin. | | Naf li l-ewwel ittra ta' titlu mqassar tinkiteb dejjem kbira. Eż. is-Sur Grech, is-Sa Borg, l-Inġ. Cauchi, il-Prof. Charles Vella, Dott. Mario Gauci. | |
| | Naf li l-istaġuni nibdiehom b'ittra żgħira. Eż. il-ħarifa, ix-xitwa, ir-rebbiegħa, is-sajf. | Naf li l-aġġettivi li jitnisslu mill-ismijiet tal-movimenti, tal-għaqdiet u tar-reliġjonijiet jinkitbu b'ittra kbira. Eż. pajjiż Nisrani, ir-reliġon Kattolika, persuni Musulmani. | | | |
| | Naf li x-xhur u l-ġranet tal-ġimgħa nibdiehom b'ittra kbira. Eż. Ottubru, Novembru, it-Tnejn, il-Ħadd. | Naf li l-ismijiet tal-postijiet bl-element topografiku tagħhom jinkitbu b'ittra kbira. Eż. il-Baħar Mediterran, il-Vulkan Etna, il-Baħar l-Aħmar, ix-Xmara Nil, il-Gżejjer ta' San Pawl. | | | |
| | | Naf li l-aġġettiv li jitnissel mill-isem tal-post jinkiteb b'ittra kbira. Eż. iċ-ċentru Mosti, ir-reġjun Taljan. | | | |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| | | Naf li l-isem tan-nies tal-post jinkiteb b'ittra kbira. Eż. Mosti, Għawdxi, Ingliża, Ġermaniżi, Taljan,<br>Ewropea, Amerikani. | | |
| | | Naf li l-ismijiet popolari tal-flora, il-fawna, l-elementi kimiċi, eċċ. jinkitbu b'ittra żgħira bħan-nomi komuni l-oħra. Eż. il-pitirross, l-awrat, is-sardinell, il-ward, l-ajkla, l-aluminju, iċ-ċomb, il-ħadid. | | |
| **L-appostrofu** | Naf kif nikteb grafikament l-appostrofu fuq xi kliem Malti bħal ta', ma', sema', laqa'. | Naf li l-appostrofu jintuża fl-aħħar ta' xi verbi minflok l-għ li ma tinkitibx fl-aħħar. Eż. sema', laqa', faqa', tela'. | Naf li l-appostrofu jista' jintuża biex juri li hemm vokali nieqsa bħalma jiġri fit-tqassir ta' xi prepożizzjonijiet quddiem xi kliem, fosthom dawk li jibdew b'vokali, għ jew h. Eż. ta' ommi/t'ommi; f'għalqa; x'karozza dik. | |
| **L-aċċent grafiku** | | Naf liema kliem barrani jieħu l-aċċent fuq l-aħħar ittra tal-kelma u kif dan jinkiteb differenti mill-appostrofu. Eż. Ġesù, kafè, papà. | | Naf nuri d-differenza grafika kemm bil-kelma miktuba kif ukoll stampata bejn is-sinjal tal-appostrofu u dak tal-aċċent, hekk li meta nikteb jew nittajpja nuża tajjeb dawn is-sinjali. |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Naf meta għandi nuża s-sing qasir (-)** | | Naf li għandi nuża s-sing u l-partiċella il (-il) kull fejn ninqeda bil-kelma kemm u li jkollha tifsira ta' mistoqsija bħal meta ngħid kemm-il darba, kemm-il ktieb, kemm-il ħaġa. | | Naf nuża s-sing ma' dawk l-ismijiet ta' bliet u rħula Maltin li jassimilaw il-konsonanti l fil-kelma Ħal bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħaż-Żabbar, Ħas-Saptan, u l-bqija u mal-ismijiet l-oħra naf li m'għandhiex niktbu bħal Ħal Qormi, Ħal Far u l-bqija. | |
| | | Naf li għandi nuża s-sing quddiem il-partiċella il meta ngħid u nikteb in-numri Maltin minn ħdax sa dsatax u jkollhom nom warajhom bħal ħdax-il ktieb, tmintax-il klassi. | | | |
| **Naf meta nuża l-linja mxengla (/ \)** | | | | Naf li nista' nuża l-linja mxengla ( / ) bejn żewġ espressjonijiet biex infisser għażla bħal meta nikteb Għażiż/a, Sinjur/a; Jiena u/jew xi ħadd minnkom. | |
| **Naf meta għandi nuża l-punt.** | Naf li sentenza għandi nagħlaqha bil-punt. Eż. Din warda ħamra. | | | | Naf li wara abbrevjazzjonijiet li juru l-ewwel parti biss mill-kelma sħiħa, nagħmel il-punt. Eż. l-Inġ. Roberta Grech, l-Av. James Hili, il-Prof. Mizzi, ir-Rev. Magro. |
| **Naf meta għandi nuża l-virgola.** | Naf li l-virgola nużaha meta nagħti lista ta' kliem wara xulxin. Eż. Mariella xtrat żewġ lapsijiet, gomma, pitazz u fajl tal-plastik. | Naf li l-virgola nużaha biex nagħmel waqfiet qosra f'sentenza. Eż. Meta kont sejjer l-iskola, ix-xita bdiet tfaqqa' bil-kbir. | | | Naf kif nuża l-virgola biex nagħti dettalji żejda fuq is-suġġett li jiġi qabel. Eż. Mariella, it-tifla ta' maġenbna, xtrat żewġ lapsijiet, gomma, pitazz u fajl tal-plastik. |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| | | Naf nuża l-virgola meta nikteb indirizz fuq ittra jew fuq envelop bħal<br>23, Triq il-Kbira, ir-Rabat, Għawdex, VCT 3300 jew 23, Triq il-Kbira Ir-Rabat, Għawdex, VCT 3300. | | Naf nuża l-virgola u nifred żewġ ismijiet ta' lokalitajiet bħal Tal-Qroqq, l-Imsida; ir-Rabat, Għawdex. |
| | | Naf nuża l-virgola meta nikteb data li jkun fiha l-jum, ix-xahar u s-sena. Eż. Is-Sibt, 25 ta' Marzu, 2015. | | |
| **Naf meta għandi nuża s-sinjal tal-mistoqsija.** | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' mistoqsija, nagħlaqha bis-sinjal tal-mistoqsija. Eż. X'se nieklu llum? | Naf li sentenza li jkollha x-xejra u t-ton ta' mistoqsija u ta' stagħġiba nagħlaqha bis-sinjali tal-mistoqsija u esklamazzjoni. Eż. Int ġej?! | Naf li s-sentenza nista' nagħlaqha b'iktar minn sinjal wieħed tal-mistoqsija f'kitbiet informali biss. Eż. Dak x'jaħseb li hu?? | |
| **Naf meta għandi nuża s-sinjal esklamattiv.** | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' stagħġib nagħlaqha bis-sinjal esklamattiv. Eż. Xi ġmiel ta' ġurnata! | Naf li meta s-sentenza jkollha x-xejra u t-ton ta' stagħġib, approvazzjoni, diżapprovazzjoni, kmand, ċanfira, theddida, assurdità, u l-bqija, nagħlaqha bis-sinjal esklamattiv. Eż. Attent! / Brava! / Mark! Fejn mort? / Ejja issa! | | Naf li s-sentenza nista' nagħlaqha b'iktar minn punt esklamattiv wieħed f'kitbiet informali biss. Eż. Proset!!! |
| **Naf meta għandi nuża ż-żewġ punti.** | | Naf nuża ż-żewġ punti meta nintroduċi l-kelliem fi djalogu. Eż.<br>Is-sultan: Fejn sejjer?<br>Is-suldat: Sejjer għassa mal-bieb tal-palazz. | Naf nuża ż-żewġ punti meta niġi biex nikteb lista. Eż. Il-kok ideali għandu jkun: attent, metikoluż, dixxiplinat, u lest biex jitgħallem minn kokijiet oħrajn. | |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Naf meta għandi nuża l-virgoletti doppji u singli** | | Naf li għandi nuża l-virgoletti doppji meta ndaħħal id-diskors dirett. Eż. Imbagħad, Marta qaltli, "Il-ktieb tal-Matematika ġibthulek." | | Naf li għandi nuża l-virgoletti singli meta ndaħħal id-diskors dirett f'diskors dirett ieħor. Eż. L-għalliem qalli, "Se ntik marka tajba. Niftakar lil missierek għadu tifel. Darba qalli, 'Jien nixtieq insir għalliem bħalek.' U hekk sar!" | |
| **Naf meta għandi nuża l-parentesi.** | | Naf li għandi nuża l-parentesi meta nkun irrid inżid xi spjegazzjoni jew xi informazzjoni fis-sentenza. Eż. Id-dinosawri (qishom gremxul kbar ħafna) kienu jgħixu miljuni ta' snin ilu; Lil Mikiel Anton Vassalli (1764-1829) inqisuh Missier l-Ilsien Malti. | | | Naf li għandi nuża l-parentesi meta nkun irrid inżid kumment tiegħi fis-sentenza. Eż. Il-bużnanniet tagħna kienu jqisu lil Tas-Sliema belt storbjuża (mur ġibhom illum!). |

| IL-PROGRAMM TAL-METALINGWA: PUNTEĠĠJATURA U ORTOGRAFIJA | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| L-ORTOGRAFIJA | | | | | |
| | | | | | |
| | **Livell 5 (3-4 sena)** | **LIVELL 6 (5-6 sena)** | | **LIVELL 7** | |
| | | | | **IS-SEBA' SENA** | **IT-TMIEN SENA** |
| | **Rotta CCP** | **Rotta 1** | | **Rotta 2** | **Rotta 3** |
| **Naf nikteb in-numri.** | Naf nikteb in-numri ordinali (waħidhom u ma' kliem ħafif) minn wieħed sa mija. Eż. L-ewwel, It-tifel ġie t-tieni; Il-ħames bank. | Naf nikteb in-numri kardinali minn mija sa miljun. Eż. Fil-librerija tal-klassi għandna mija u żewġ kotba u fil-librerija tal-iskola għandna seba' mija u ħamsa u għoxrin ktieb. / F'Malta hawn madwar ħames mitt elf/nofs miljun ruħ. | | Naf nikteb in-numri sal-biljun. Eż. Saret serqa ta' mija u ħamsin miljun ewro mill-Bank Ċentrali. | Naf kif għandi nikteb u ngħid in-numru wieħed/waħda meta jkun fuq il-mijiet/l-eluf/il-mijiet tal-eluf/il-miljun u jkun hemm nom fis-singular bħal mitt kelb u wieħed, ħamest elef kamra, tliet mitt elef ktieb u elf wieħed, miljun mara u waħda. |
| | Naf nikteb in-numri ordinali minn 11 sa 19 (waħidhom u f'sentenzi sempliċi). Eż. ħdax-il, tnax-il, tlettax-il, erbatax-il, ħmistax-il, sittax-il, sbatax-il, tmintax-il, dsatax-il. Eż. Mur fl-erbatax-il ringiela. | Naf nikteb il-plurali tan-numri sal-miljun. Eż. waħdiet, uħud, għaxriet, għexieren, għoxrinijiet, ħamsinijiet, disgħinijiet, mijiet, eluf u miljuni. | | Naf meta nuża tlett/tlitt jew tliet; tmint/ tmien bħal fi tliet xhur; tmint ijiem; | Naf naqra n-numri bid-deċimali bħal fil-persentaġġi, l-użin, il-kejl u t-temperatura. Eż. It-temperatura llum laħqet 12.2°C. (tnax punt tnejn gradi Celsius) / Il-baġit ivvota 9.9% aktar. (disgħa punt disgħa fil-mija). |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Naf nikteb: għoxrin, tletin, erbgħin, ħamsin, sittin, sebgħin, tmenin, disgħin, mija. Eż. Fil-klassi hemm għoxrin tifel u tifla. | Naf nikteb in-numri ordinali mill-ewwel sal-miljun. Eż. Ġejt il-ħdax-il wieħed. / It-tifel ġie t-tlieta u ħamsin post. / Fit-tellieqa John ġie t-tmien wieħed, filwaqt li Marika ġiet it-tlettax-il waħda / Minn fost l-atleti kollha, Il-gvern daħħal mitejn elf ewro mil-liċenzji. | | | |
| | Naf nikteb minn żero sa mija. Eż. Il-pitazz ta' Karl għandu ħamsa u sittin paġna u l-pitazz ta' Alice għandu sebgħa u tmenin. | Naf naqra n-numri f'kuntesti ta' flus u temperatura. Eż. It-temperatura llum laħqet 12°C. (tnax-il grad Celsius) / Il-ktieb jiswa €10.90ċ. (għaxar ewro u disgħin ċenteżmu). | | | |
| | Naf naqra n-numri sħaħ tal-arloġġ u nikteb il-ħin. Eż. Saru l-ħamsa. / Bħalissa d-disgħa ta' filgħaxija. | Naf kif għandi nuża l-mudell biex nikteb sewwa n-numri 4,7,9 fi kliem bħal erba' kotba; saru l-erbgħa. | | | |
| | | Naf naqra n-numri tal-arloġġ u nikteb il-ħin kollu (in-neqsin u l-miżjudin) Eż. Saru l-erbgħa u kwart. / Bħalissa s-sebgħa neqsin għoxrin. / Narak għada fit-tlieta u nofs ta' waranofsinhar. / Il-quddies se tibda f'nofsillejl. | | | |
| | | Naf nikteb il-fractions bin-numri sħaħ magħhom. Eż. 1/2 = nofs; 3/4 = tliet kwarti; 1/3 = terz; 2 1/4 = tnejn u kwart; 5 2/7 = ħamsa u tnejn minn sebgħa | | | |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| | | Naf naqra n-numri bid-deċimali bħal fl-użin u l-kejl. Eż. It-tellieqa hija twila 2.4 km. (tnejn punt erba' kilometri / żewġ kilometri u erba' mitt metru) / Il-karozza tiżen 1.4 tunnellati. (tunellata punt erbgħa /tunnellata u erba' mitt kilo). | | |
| **Il-konsonanti (doppji fin-nofs, fl-aħħar, id-dgħajfin)** | | Naf meta għandi nikteb il-konsonanti j/w doppji jew singli fin-nofs ta' verb bħal sajjar/sajru; ħawwad/ħawdu. | | Naf kif għandi nikteb verbi barranin li jirduppjaw il-konsonanti ta' quddiem meta jiġu kkonjugati jew f'xi forom tal-parteċipju bħal nipparkja, pparkjati; ipprotestaw/protestaw; ittrattati/trattati. |
| | | Naf kif għandi nikteb il-konsonanti doppji (l-istess jew differenti) fin-nofs ta' verbi u nomi bħal gwerra/gwerer, karkur/krakar, sodda/sodod, qassru, sallbu. | | Naf li għandi nikteb uffiċċju/i benefiċċju/i, sagrifiċċju/i iżda meta nżid suffiss, isir ċaqliq tal-aċċent u nikteb uffiċjali, uffiċjal, benefiċjarji. |
| | | | Naf li xi kliem li jispiċċa bil-konsonanti doppja u jiżdiedlu suffiss li jkun jibda bl-istess konsonanti, dawn ma joqogħdux it-tlieta imma joqogħdu biss tnejn bħal minn+na-minna; ma bexx il-ħaxix, ma raxx l-ilma mbierek, ħakkom, min-nies; min-naħa. | |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Mudelli tal-għ/h** | | Naf kif nikteb nomi li għandhom l-għ jew l-h fin-nofs billi nqabbilhom ma' nomi oħra li jservuni ta' mudell bħal baqar biex nikteb sewwa mogħoż, kagħak, nagħal, nagħaġ; xogħli u dahri jnbnew fuq laħmi. | | Naf nikteb sewwa, billi nuża l-mudell bierek, il-verbi kkonjugati tat-tielet forma li jkollhom l-għ/h fin-nofs bħal wiegħed u fiehem, wegħidtna, fehimthom. | |
| | | Naf nikteb nomi li fihom l-għ fl-aħħar billi niktibhom fuq il-mudell ftajjar bħal snajja', qtajja', tbajja'. | | Naf kif nikteb xi verbi komuni li fihom l-għ storika u ma tidhirx dejjem fl-imperfett u l-perfett bħal nagħti, tajt, agħti; tagħti, tat, agħti. | |
| | | Naf li hemm xi verbi mudelli li jistgħu jgħinuni biex nikteb l-għ bħal rebaħ, seraq, kiser, ħiet. Eż. nirbaħ - nagħmel; nisirqu - nilagħbu; kisru-semgħu; jinħiet - jinbiegħ; | | Naf nagħraf jekk verb hux dgħajjef nieqes jew sħiħ jispiċċa bil-a bħal tefa/tefa'; sema'/rema; mexa/qata'. | |
| **Il-vokali ie** | Naf nikteb kliem komuni b'żewġ sillabi bil-ie, nomi u verbi, waħidhom u f'sentenzi sempliċi bħal missier, ġirien, widien. | Naf li l-ie tista' tinbidel f'i meta jingħaqad suffiss tal-plural sħiħ. Eż. missier+ijiet; wied+ien; qiegħ +an; siegħa +t. | | | Naf meta rrid nibdel l-ie f'i meta jsir ċaqliq tal-aċċent minħabba żieda tas-suffiss tan-negattiv. Eż. ma kinux, ma fiqux, ma ridux, ma fiqetx, ma kilitx. |
| | | Naf li l-vokali i twila xi drabi tinstema' bħal ie fi kliem li fih il- i jkollha warajha l-għ, ħ,h,q bħal fih, triq, xiħ, sabiħ. | | | Naf meta għandi nibdel il-vokali a f'ie fl-aħħar tal-verbi li magħhom jiżdidedu suffissi pronominali bħal għollieli, tintfielna, nħbielna, għaddieni, staqsiekom. |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Naf nibdel il-vokali a f'ie meta jiżdied is-suffiss tan-negattiv f'verbi neqsin. Eż. ma mexiex; ma ġeriex,ma ħebiex. | | | Naf meta għandi nuża s-sekwenza IHA/IHOM u IEHA/IEHOM meta nikteb il-verb fil-perfett jew fl-imperattiv bħal ħalli+ha=ħalliha/ħalla+ha=ħallieha; ħalli+hom=ħallihom/ħalla+hom=ħalliehom. |
| **Il-kitba ta' min/minn** | | Naf meta u kif għandi nikteb minn u min bħal Min ġie? Minn Malta. | | Naf kif nikteb il-prepożizzjoni minn meta tingħaqad mal-artiklu u tassimila bħal mill-art sas-sema; mil-Libja; min-nies; min-naħa tiegħi. | |
| **Il-partiċelli bi fi xi (meta jitqassru u meta le)** | | Naf li l-partiċelli bi/fi/xi jitqassru b'/f'/x'/ quddiem kelma li tibda b'vokali jew b'konsonanti waħda li warajha jkollha vokali bħal b'arma, f'kamra, x'għandna, x'hemm. | | | Naf li l-partiċella xi, meta tintuża biex turi numru indefinit jew bħala aġġettiv fis-sens ta' "ċertu", u ma titqassarx bħal xi plejers, xi wħud, xi mkien, xi isqfijiet. |
| **L-għ u l-h meta jinħassu ħ** | | Naf meta għandi nikteb għ/h jew ħ f' għadd ta' kliem li jispiċċa bil-ħoss ħ billi nżid vokali fit-tarf. Eż. fih/a, żagħżugħ/a, xiħ/a, riħ/a. | | Naf li xi kliem li fihom l-għ/h meta jaħbat ħdejn xulxin jinħassu ħ iżda dejjem għandu jinkiteb għ/h. Eż. semagħha mhux /semaħħa/; magħha, tagħha, refagħhom. | |

| | Livell 5 (3-4 sena) | LIVELL 6 (5-6 sena) | LIVELL 7 | |
|---|---|---|---|---|
| **Kitba ta' frażijiet** | | Naf nikteb frażijiet li jkunu magħmula mill-istess kelma mtennija bħal baxx baxx, fuq fuq, qajl qajl, inkiss inkiss. | Naf li frażijiet li jispiċċaw bil-kelma nett għandhom jinkitbu separati bħal fuq nett, l-ewwel nett, fil-qiegħ nett. | |
| | | | Naf kif nikteb il-frażijiet bil-partiċella imb bħal wiċċ imb wiċċ; ras imb ras. | |
| **Omofoni  (kliem li jinstema' l-istess imma għandu kitba u tifsira differenti)** | | Naf norbot il-kitba mat-tifsira ta' xi nomi u verbi li jkunu kkonjugati fil-perfett, inklużi dawk li jkollhom l-għ u l-h,u li jinstemgħu l-istess  bħal xahar/xagħar; dar/dahar; ħadd/ħadt/ħatt; qadd/qgħadt/qatt; kera/kerha; għanna/għandna. | | Naf niddistingwi l-kitba ta' kliem li jinstema' l-istess imma daqqa jintuża bħala verb u daqqa bħala nom verbali bħal tefa'/tefgħa; tela'/telgħa; qata'/qatgħa; waqa'/waqgħa; xemgħa/xema'. |

# IT-TQASSIM TAL-LETTERATURA

## LIVELL 7 (is-7 u t-8 sena tal-Medja)

### IL-POEŻIJA

Għażla ta' poeżiji differenti **(iridu jsiru tal-inqas 8 kull sena)** b'enfasi fuq it-tlaqqigħ u l-apprezzament tal-ġeneri aktar milli t-tematika li għandha tkun wiesgħa u xierqa għall-istudenti ta' din l-età.

Fost l-għażla għandu jkun hemm kampjuni ta':

| Is-7 sena | It-8 sena |
|---|---|
| 2 poeżiji tradizzjonali/romantiċi u 2 poeżiji ħielsa/moderni | 2 poeżiji tradizzjonali/romantiċi u 2 poeżiji ħielsa/moderni |
| poeżiji fuq leġġendi u ħrejjef Maltin | poeżiji bi strofa saffika |
| sunetti | epigrammi |
| limerikki | ħajku |

### IR-RUMANZI

Għażla ta' ktieb storiku tal-qari li jista' jkun fost dawk ippubblikati fil-listi approvati. Dawn jingħażlu mill-għalliema b'kunsiderazzjoni għall-ħiliet tal-qari tal-istudenti biex bihom jintlaħqu l-miri stabbiliti għal-letteratura fil-Kisbiet mit-Tagħlim għal dan il-livell.

### IN-NOVELLI

Għażla ta' novelli, **tal-inqas ħamsa kull sena,** minn antoloġiji differenti bħal dawk t' Arja Friska 1 u 2 fejn l-istudenti jitlaqqgħu ma' awturi bi stili differenti ta' kitba. It-tematika tan-novelli għandha tkun xierqa u taqbel mal-ħiliet tal-istudenti tal-klassi. L-għalliema għandhom jużaw in-novelli biex permezz tagħhom l-istudenti jilħqu l-kisbiet mit-tagħlim stabbiliti għal dan il-livell.

**TMIEM**